# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2576

Każ Nru 3505/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Giada Mifsud Calabro'

u

Union Print Company Limited

*Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

Illum : 27 ta' Frar 2019

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors ippreżentat minn Giada Mifsud Calabro' fit-3 ta' Novembru 2016 fejn allegat li fit-12 ta' Awwissu 2016 meta kienet fi stat ta' tqala ġiet illegalment imkeċċija mill-impjieg ta' *Sales Executive* minn mas-Soċjetà Union Print Company Limited. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Alfred Farrugia ċaħdet dan. Inżammu tnax il-seduta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba in-numru ta' seduti kif ukoll ta' differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstema' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrenti kienet taħdem mas-Soċjetà Intimata fil-kariga *full time* ta' *Sales Executive* b'kuntratt ta' xogħol definit għal sentejn mit-22 ta' Frar 2016. Fost il-kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt kienet mistennija li tbiegħ ammont ta' €75,000 fl-ewwel tnax il-xahar tal-impjieg tagħha. B'ittra tat-12 ta' Awwissu, 2016, hija ġiet mgħarrfa mill-Prinċipal tagħha li kien qed jiġi tterminat l-impjieg tagħha fuq bażi ta' *non-performance.* Ftit jiem qabel ir-Rikorrenti kienet infurmat lis-Soċjetà Intimata li hija kienet fi stat ta'gravidanza. Tgħid li dan l-istat immotiva lis-Soċjetà Intimata biex tilliċenzjaha.

Is-Soċjetà Intimata tgħid li r-Rikorrenti fil-mument tal-liċenzjamant kienet għadha fil-perijodu ta' prova u fil-fatt ma kienx hemm bżonn skond il-liġi li r-Rikorrenti tingħata raġuni għat-tkeċċija tagħha. Tgħid iżda li meta r-Rikorrenti saret taf li hi kienet tqila mxiet skond il-

provvediment tar-regolament 12(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91 tal-Kap 452 u infurmat li-Rikorrenti dwar dan meta llićenzjatha. Infatti peress li minkejja twissijiet dwar il-*performance* tagħha r-Rikorrenti dan xorta baqa' wieħed miżeru. In vista ta' dan is-Soċjetà Intimata ma kellhiex triq oħra ħlief dik li tillićenzjaha. Is-Soċjetà Intimata tiċħad bil-qawwa l-allegazzjoni tar-Rikorrenti li l-gravidanza tagħha kienet ir-raġuni għal-liċenzjament tagħha.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Il-fatti li hemm qbil fuqhom kienu dawn (a) ir-Rikorrenti kienet tenuta li fl-ewwel sena tal-impjieg tagħha tbiegħ ammont ta' €75000, (b) fil-mument tal-liċenzjament ir-Rikorrenti kienet fil-perijodu ta' prova u (c) qabel il-liċenzjament ir-Rikorrenti kienet avżat is-Soċjetà Intimata li kienet fi stat ta' gravidanza.

Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91 tal-Kap 452 telenka r-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg). L-Artikolu 12A ċ (u mhux 12(3) kif hemm kwotat fl-i*statement of case* tas-Soċjetà Intimata fol. 1) jgħid li "F'xi proċeduri, fejn l-impjegata tistabbilixxi quddiem it-Tribunal fatti li minnhom wieħed jista' jippresumi li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta relatata mal-kundizzjoni tagħha, il-konvenut irid jipprova li t-tkeċċija kienet ibbażata fuq raġuni ġusta u suffiċjenti u fin-nuqqas ta' din il-prova min-naħa tal-konvenut, it-Tribunal għandu jilqa' l-ilment". Huwa għalhekk ċar li jinkombi fuq is-Soċjetà Intimata li tipprova li r-raġuni għat-terminazzjoni kienet waħda ġusta u suffiċjenti. Il-pern tal-kwistjoni għaldaqstant huwa jekk ir-raġuni li tat is-Soċjetà Intimata kienitx waħda ġusta u suffiċjenti.

Bażikament ir-raġunijiet mogħtija għal-liċenzjament tar-Rikorrenti huma hekk miġbura fl-i*statement of case* tas-Soċjetà Intimata: "Illi matul l-impjieg tar-rikorrenti mas-soċjetà esponenti, rappreżentanti tal-istess soċjetà esponenti ġibdu l-attenzjoni tar-rikorrenti diversi drabi **dwar in-nuqqas tal-istess rikorrenti fosthom li għandhom x'jaqsmu mal-mod ta' kif iġġib ruħha mal-klijenti u b'mod speċjali dwar in-nuqqas ta'** ***performance*** **tal-istess rikorrenti**." (enfasi tat-Tribunal). Irid jingħad in-nuqqas tal-mod kif allegatament kienet iġġib ruħha ir-Rikorrenti mal-klijenti mhux biss ma ġiex pruvat iżda lanqas imsemmi fil-proċeduri quddiem it-Tribunal u għaldaqstant mhux se jiġi kkunsidrat. Dak li s-Soċjetà Intimata ibbażat bħala raġuni għal-liċenzjament tar-Rikorrenti huwa n-nuqqas ta' prestazzjoni tagħha, dak li jissemma' bħala *performance*. Dana huwa espliċitament imniżżel fl-ittra ta' terminazzjoni (Dok B mar-Rikors promotorju). Barra minn hekk Victor Carachi (seduta 1 ta' Novembru 2017 fol.7) jgħid testwalment "*We had to decide after the six months what to do, and basically we decided to terminate her employment which was and I repeat, purely based on performance"* u *"But I can assure you, and hand on heart, that her termination was based purely on performance, and nothing else*." B'enfasi kbira Dr Abigail Critien, l-Avukat tas-Soċjetà Intimata fit-trattazzjoni finali tagħha fi-6 ta' Frar 2019 tgħid (fol. 5) "Il-kwistjoni dejjem kienet *performance, performance, performance.*"

Għaldaqstant kellu quddiemu it-Tribunal sitwazzjoni fejn s-Soċjetà Intimata dehrilha li tilliċenzja lir-Rikorrenti li kienet għadha fi żmien ta' prova li kien se tiskadi. Dana ma kienx sempliċiment possibbli għaliex irriżulta li kienet tqila. Il-mod kif setgħet tiġi mkeċċija f'dawk

iċ-ċirkostanzi kien biss għal raġuni ġusta u sufficjenti. It-Tribunal, mela, kellu jara jekk nuqqas ta' *performance* kienx jissodisfa dak li titlob il-liġi u senjatament dak imniżżel fil-Leġislazzjoni Sussidjarja gia kwotata.

Jidher ċar minn dak li sama' it-Tribunal li matul is-sitt xhur neqsin li r-Rikorrenti kienet taħdem tellgħet *sales* ta' €9,500 u propju fl-aħħar ġranet żiedet xi €900 oħra (Alfred Farrugia seduta 1.3.17 fol. 4 u 9). Bejn il-31 ta' Mejju u il-25 ta' Lulju 2017 ma għamlet l-ebda bejgħ (fol. 6). Ingħatawlha xi tnejn jew tliet twissijiet verbali (fol. 7) u finalment ittra ta' twissija bid-data tas-26 ta' Lulju 2017 fejn ingħatat sat-tmiem ta' Lulju biex tagħmel "*a marked improvement*". (Dok F mal-*Updated CV* tar-Rikorrenti). Dana kollu fuq sfond ta' klawsola kontrattwali li kienet torbot lir-Rikorrenti li fl-ewwel sena trid tkun għamlet bejgħ ta' €75,000. Għad li kienet għaddiet inqas min-nofs l-ewwel sena r-Rikorrenti kienet laħqet bejgħ ta' xi €9,000. Ir-Rikorrenti semmiet diversi drabi li għal bidu kellha xi problemi bil-*laptop* li kienu tawha u irriżulta mix-xhieda ta' Jesmond Spiteri, *IT Administrator* tas-Soċjetà Intimata, li fil-fatt kien hemm xi problema bil-*laptops* li ingħatwlha liema problema damet xi ġimgħa (Seduta 18.4.18 fol.4). Matul il-proċeduri issemmew xi ex-kollegi tar-Rikorrenti u intqal li għad li kellhom *target* simili jew ikbar minn dak tagħha xorta rnexxilhom ibiegħu ħafna iktar minnha. Irriżulta wkoll illi Jason Giardina, wieħed mill-kollegi tar-Rikorrenti, ukoll ma kienx irnexxilu f'sena jilħaq l-ammont ta' bejgħ indikat lilu għad li fil-fatt ma kienx liċenzjat (kontro-eżami ta' Marouska Buttigieg seduta 26.4.17 fol.9).

Li ried jikkonsidra t-Tribunal huwa jekk il-fatt li r-Rikorrenti irnexxilha tbiegħ ammont ferm inqas mit-*target* ta' sena kontrattwalment miftihem kienx dan jikkostitwixxi kawża ġusta u sufficjenti għal-liċenzjament tagħha peress li l-bażi tagħha kienet "*proven non performance*". Fl-ittra ta' liċenzjament (Dok J ma' l-*Updated CV* tar-Rikorrenti) hemm indikat bħala sostenn ta' dan illi l-livell ta' bejgħ jammonta biss għal "*25% of what is expected as the norm*". Eżami bir-reqqa tal-kuntratt tar-Rikorrenti jindika żewġ *sales targets* cioe' €75,000 fl-ewwel tnax il-xahar tal-kuntratt, u €120,000 fit-tieni tnax il-xahar tal-kuntratt (klawżola 13). Ma jirriżulta minn imkien illi dawn il-figuri bħala *target* huma soddiviżi b'xhur jew kwart jew nofs ta' sena. Huma figuri sħaħ u jirreferu fiż-żewġ każi għal tul ta' tnax il-xahar. Fl-opinjoni tat-Tribunal "*expected as the norm*" kif tikkontendi s-Soċjetà Intimata hija nterpretazzjoni li sgur ma tistax tintrometti ruħha unilateralment bħala xi kundizzjoni kontrattwali. Kieku s-Soċjetà Intimata riedet taħseb biex tivvalorizza lir-Rikorrenti qabel l-iskadenza taż-żmien ta' prova kienet tqassam il-figura ta' €75,000 f'żewġ somom ta' sitt xhur u tniżżilhom hekk fil-kuntratt. Kieku għal grazzja tal-argument it-Tribunal kellu jqis li n-nuqqas ta' bejgħ fil-perijodu ta' anqas minn sitt xhur sata' b'xi mod jikkostitwixxi kawża ġusta għat-tkeċċija sgur li dan kien jinkalja fuq l-iskoll ta' sufficjenza.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li r-Rikorrenti Giada Mifsud Calabro' ġiet liċenzjata minn mas-Soċjetà Intimata Union Print Company Limited waqt il-perijodu ta' prova meta kienet fi stat ta' gravidanza mingħajr kawża ġusta u sufficjenti bi ksur ta' dak li tinħtieġ il-liġi.

## 5. Kumpens

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lil Giada Mifsud Calabro' minn Union Print Company Limited fl-ammont ta' €10,846.

## 6. Drittijiet

A tenur tal Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja